MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 440/2010/1

**A B**
**vs**
**C B, u b' digriet tal-10 ta' Ottubru 2011 Spiridione B gie kjamat fil-kawza bhala kuratur tal-istess C B, inibit, biex jassistih fil-proceduri odjerni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fl-4 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu l-attrici sostanzjalment talbet li t-talba ghas-separazzjoni personali tigi sostitwita bit-talba ghad-divorzju; filwaqt li fit-tieni u t-tielet talba, hija rrepetiet it-tieni u t-tielet talba maghmula fir-rikors promotur u, li filwaqt li dawn ghad iridu jigu decizi fis-sentenza, hemm provdut ghalihom provvizorjament;

Rat ir-risposta li biha l-konvenut, filwaqt li kkonferma li hemm qbil dwar il-kura u kustodja u l-access, u hemm digriet dwar il-manteniment provvizorju dovut lill-attrici

ghaliha u ghall-ulied, jiddikjara li ma jopponix ghat-talba ghal konverzjoni;

Illi f' dan l-istadju jirrizulta li l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien bhala mizzewgin mis-sena 2005; li ma jidhirx li hemm prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni; li l-manteniment ghall-attrici u ghall-ulied qed jithallas regolament skont id-digriet provvizorju moghti minn din il-Qorti;

Ghalhekk jirrizultaw sodisfacentement provati l-kondizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 66B ta' tal-Kap,16, u t-talba ghall-konverzjoni ta' l-ewwel talba fir-rikors promotur timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba ghall-konverzjoni, u tordna li l-kliem *"separazzjoni personali"* jigu sostitwiti bil-kelma *"divorzju"* fir-rikors guramentat, fir-risposta guramentata, kull fejn jirrikorri, ai termini ta' l-artikolu 66F tal-Kap.16; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tar-rikors odjern.

Spejjez bla taxxa

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------